

# L-ARKITETTURA

## *Ħarsa lejn il-lat artistiku ta' l-Arkitettura fil-Knisja l-Qadima*

*minn Sandro Sciberras*

Din il-knisja hija waħda mill-isbaħ eżempji ta' arkittettura Rinaxximentali f'Malta. L-istudjużi jaqblu li nbniet fuq il-pjanta ta' Vittorio Cassar u tkompliet minn Tommaso Dingli, allavolja ma hemm l-ebda dokument jew pjanta li tikkonferma dan. Calleja, f' "The Works of Art in Churches of Malta", jgħid li l-knisja '...hi mill-isbaħ ta' Malta' u '...tgħaddi lil dawk mibnijin warajha".

Il-faċċata għandha influwenza Spanjola qawwija, b'żewġ pilastri kbar Korinti f'kull tarf. Fuq il-bieb prinċ ipali kien hemm tieqa żgħira ovali, bi 'triangular pediment' bejn din it-tieqa u l-bieb. Il-kapitelli korinti jżommu l-friż u l-gwarniċ, minn fejn jibda tiela il-fontispizju. Fil-faċċata, wieħed jista' jara ukoll tlett pari niċeċ, bil-parti ta' fuq fil-forma ta' arzella. Dawn in-niċeċ huma karatteristika ta' Dingli, u huma mqassmin b'mod simmettriku mal-faċċata kollha.

Wieħed jista' jara ukoll li l-parti l-kbira ta' fontispizju hija nieqsa. Dan il-fontispizju huwa tat-tip "Broken Triangular Pediment", minħabba li parti minnu hija mqabbża l-barra. F'nofs il-fontispizju kien hemm statwa tal-Madonna bil-qamar taħt riġlejha, eżatt bħal tal-knisja parrokkjali ta' Ħ'Attard. Din l-istatwa tinsab fi stat ħażin ħafna u tinżamm f'waħda mis-sagristiji.



IL-frontispizju tat-tip "Broken Triangular Pediment"

Din il-faċċata għandha skultura iddettaljata ħafna, iżda dawn id-dekorazzjonijiet jinsabu f'partijiet partikolari biss. L-armonija il-bilanċ u s-simettrija tal-faċċata huma il-prinċipji kardinali ta' l-istil Rinaxximentali Malti. Il-knisja għandha forma ta' salib Latin, bil-parti it-twila tkun il-korsija, il-kappelluni fil-ġnub u l-kor fil-parti ta' fuq tas-salib. Is-saqaf, li għandu forma ta' nofs tond, jew troll, huwa iffurmat b'għadd ta' stilel bi tmien ponot, filwaqt li il-friż fih tinqix ta' anġli, torri u l-gendus. Ma nafux minn ħadem fid-dekorazzjoni interna tal-knisja, iżda jingħad li ħafna mix-xogħol sar minn xi ħabsin Sqallin maħrubin li sabu refuġju f'din il-knisja.



Fis-saqaf tal-kor hemm skultura ta' Sant'Elena filwaqt li fis-saqaf tal-korsija hemm skultura kbira ta' ostja imdwra b'erba' angli.



Kull anglu qed iżomm waħda minn dawn l-iskrizzjonijet-

*In Nomine Jesu Omne Genuflectator*
*Oleum Effusum*
*Admirabile Nomen Tuum*
*Laudate Nomen Domini*

***Fl-Isem ta' Ġesu' kulhadd jintefa' għarkubtejh***
***Tixrid ta' żejt ta' l-għaġeb***
***(Grazzji) huwa isemek***
***Faħħru l-isem tas-Sinjur.***



Il-gwarniċ li jikkaratterizza il-Knisja kollha

Il-korsija fiha sitt kappelli, flimkien ta' żewġ kappelli oħra f'kull kappellun- b'kollox ħdax-il artal. Il-prospettivi saru madwar mitt sena wara li intemm ix-xogħol tal-bini, u l-gwarniċi tagħhom illum vojta. Ħafna mill-pitturi tal-knisja illum jinsabu fil-knisja ta' Sant'Elena. Fosthom insibu il-pittura tal-martirju ta' Sant'Andrija, u dik tal-Madonna bil-Bambin flimkien ma San Xmun Stock, San Franġisk, Sant'Agata u l-erwieħ tal-Purgatorju. Fil-Knisja ta' Sant'Elena jinsabu ukoll diversi affarijiet oħra li fil-bidu kienu f'din il-knisja. Dawn jinkludu Bambin tax-xema' li kien fuq l-artal tar-Rużarju, u statwa tal-Madonna tar-Rużarju. Meta xi ħadd jidħol fil-knisja ma jistax ma josservax li il-knisja m'għandiex koppla. Filfatt, meta sar ir-restawr, inbena biss it-tambur tal-koppla, li imbagħad issaqqaf ċatt. Dan ġara minħabba li beżgħu iżidu aktar piż fuq l-istruttura fraġli tal-knisja. Dwar il-Knisja l-Qadima u l-faċċata tagħha, E.B. Vella jikteb- "Kapitelli, gwarniċi, armi u kollox qiesu maħluq biex jitqiegħed wara l-ħġieġ u mhux għal barra!"



F'Dan ir-ritratt tidher il-koppla mhux imsaqqfa

## Affarrijiet ohra ta' Interess

Fis-sagristija tax-xellug, tinsab statwa li ma tantx nafu dwarha. Din hija statwa tal-Madonna tad-Duttrina, magħmula fl-injam. Li nafu biss huwa li saret fl-1834. Jista' jkun li hemm xi relazzjoni bejn din l-istatwa u fondazzjoni tal-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina fl-1820, minn Mons. Ferdinado Mattei, Isqof ta' Malta.

Fis-sagristija tal-lemin, hemm miġbura għadd ta' oġġetti ferm interessanti u ta' valur storiku kbir. Hawnhekk hawn l-istatwa ta' l-Assunta li kienet fil-fontispizju tal-knisja, kif ukoll it-tabernaklu l-oriġinali bil-bieba tad-deheb, tal-knisja. Fost l-affarijiet l-oħra hawn ukoll ventartal antik ħafna li ma nafu xejn dwaru.

Hawnhekk hawn ukoll lapida ta' Dun Gejtan Mannarino li huwa midfun f'din il-knisja. Din il-lapida kienet fuq l-artal ta' San Ġakbu u San Duminku fil-korsija, iżda, b'mod irressponsabbli għall-aħħar, din giet maqlugħa minn hawn u inqasmet. Imbagħad ġiet imwaħħla f'din is-sagristija.

Jekk wieħed Iħares sewwa lejn il-ħitan ta' barra tal-knisja, kif ukoll fin-nurmu ta' garigori li jagħtu għal kampnar, jidher ħafna tinqix u tpinġijiet ta' xwieni u slaleb varji. Mal-ħajt tax-xellug tal-knisja, fejn hemm ix-xatba tal-ħadid, jidhru għadd ta' toqob fil-ħajt. Dawn saru minn suldati Franċiżi li kienu jipprattikaw l-isparar fuq il-ħajt tal-knisja meta kienu f'Malta bejn 1798 u l-1800.

Mad-dawra tal-knisja, wieħed għadu jista' jara ukoll dak li għad fadal minn numru kbir ta' lapidi tal-mejtin li kien hemm fil-knisja. Dawn, għal l-ebda raġuni partikolari inqalgħu mill-knisja u tpoġġew hemm barra. Hawnhekk qegħdin f'periklu kbir minħabba li qed jistennew li jaqalgħu daqqa ta' ballun mit-tfal li jkunu qed jilgħabu ħdejhom.





L-ewwel darba li jissemma l-kampnar tal-knisja huwa fil-Vista pastorali ta l-1679, fejn jingħad li kellu qampiena waħda biss. Hemm ċans tajjeb li fil-pjan originali, l-kampnar kellu jkun struttura maqtugħa mil-bini tal-knisja, biss għal xi raġuni dan il-pjan ma seħħx. Meta fil-Knisja ta' H'Attard iddeċidew li jibnu kampnar, poġġewh fl-istess pożizzjoni ta' dak tal-Knisja l-Qadima.

**LUCY**

**Main Street, Birkirkara**

**Shoes, Underwear, Shirts and T-Shirts
For Men, Women and Children**

A good selection of Baby wear, Bedspreads, Curtains and Handbags.

*Alice's* HOUSE

*All kinds of drapery*

206, Main Street,
B'Kara
Tel: 440004

## Għeluq

Illum il-Knisja l-Qadima reġgħet qed taqdi il-bżonnijiet spiritwali tal-komunita' li kibret madwarha matul is-snin. Illum din iż-żona awtonoma tal-Knisja l-Qadima tħaddan madwar 1000 familja.

Madankollu għadd fadal ammont kbir ta' xogħol li għad irid isir. Il-manutenzjoni strutturali tal-knisja tinvolvi eluf ta' liri kull sena, minħabba li ir-restawr qatt ma ġie mitmum. Filfatt kultant ikollu jsir restawr urġenti, bħal per eżempju fis-Sajf 2000, meta kellhom jinbidlu numru ta' bolavostri immermra li hemm madwar il-piramida tal-kampnar. Dawn kienu fil-periklu li jaqgħu għal isfel u jagħmlu ħsara. Fortunatament, illum hemm numru ta' żgħażagħ u voluntiera oħra li għandhom għal qalbhom din il-knisja, u li jieħdu ħsiebha b'attenzjoni speċjali.



Dettal tal-Faċċata tal-Knisja



Ritratt fejn juri l-arma ta' Dun Filippu Borg

L-arkitettura ta' ġewwa hija l-Istess stil ta' dik ta' barra, jiġifieri Korint, flimkien ma l-istil Rinaxximentali ta' l-aħħar fażi, li nsibuh bħala Contro Riforma. Bejn il-kappelli hem mill-bażijiet li fuqhom jitilgħu żewġ kolonni korinti, u fuqhom il-kapitelli li jagħlqu l-ewwel ordni. It-tieni ordni jixbaħ lil l-ewwel wieħed, biss huwa għoli daqs nofs l-ewwel wieħed u m'ejjem b'aktar lavur, speċjalmet l-arkitraw u l-gwarniċa. Il-friż mimli bl-iskuktura ta kerubini, u t-torri u l-gendus, li huma l-arma ta' Dun Filippu Borg. It-troll għandu ħnejjiet imnaqqxin fi kwadretti bi stilel ta' tmien ponot, b'salib mħaffer bejniethom. Kuq kull kappelli, it-troll għandu tieqa għad-dawl.




1- Artal ta' l-Assunta
2- Artal ta' Sant' Andrija
3- Artal tal-Madonna tal-Karmnu
4- Artal tar-Rużarju
5- Artal tal-Kurċifiss
6- Artal ta' l-Erwieħ u Sagrament
7- Artal tal-Kunċizzjoni jew tal-Litanija







# Kont taf li...

Fil-Knisja, hemm numru ta' inskrizzjonijiet li huma sors ta informazzjoni interessanti ħafna. Waħda minnhom tinsab fuq il-bieb tal-lenin tal-knisja, li minnha nistgħu nisitlu informazzjoni dwar l-arma ta' Dun Filippu Borg. Sfortunatament, din il-kitba qegħda fi stat ħażin żafna u kważi tgħerriet għal kollox.

Kitba oħra hija dik li tinsab fil-parti ta' fuq tal-ħajt tal-kor. F'din il-kitba, Dun Filippu u nies qed jitgħolbu lil Madonna biex tħares dan it-tempju li huma bnew għaliha. B'kollox fil-knisja, hemm erbgħa inskrizzjonijiet, imqassmin f'postijiet differenti.

Fl-aħħar tas-seklu Dsatax, kien diġa' beda jsir xi restarw tal-knisja. Fil-fatt fl-1894, Mabbli Grech waqa' minn fuq sellem mill-għoli ta 40 pied waqt li kien qed jagħmel xi xogħol.

Nota mill-awtur- Hemm ħafna aktar li l-awtur seta' jżid dwar il-Knisja l-Qadima. Imma, l-iskop ta dan l-artiklu huwa li jrawwem l-interess tan-nies li joqgħodu fl-inħawi tagħna, biex b'hekk jagħrfu japrezzaw aktar din il-knisja, li dejjem isservihom fil-bżonnijiet spiritwali tagħhom. Dan jgħodd ukoll għal dawk il-familja ġ*ċodda taż-żona tagħna, biex huma ukoll iħossuhom parti mill-Komunita' tal-Knisja l-Qadima, filwaqt li jsiru jafu xi ħaġa aktar dwar il-Knisja tagħna ukoll!

Sandro Sciberras

Il-Quddies nhar ta' Ħadd 7.00am, 8.30am. 10.00am, 11.30am (fix-xitwa) 6.00pm

Il-Quddies nhar ta' xogħol- 7.00am, 8.30am. 6.00pm

Tel. No tal-Knisja 449430,

tal-Uffiċju Parrokkjali- 448026, Privat tar-Rettur 432211.

Qrar qabel il-quddies, fil-konfessjonarju jew fil-kamra apposta fis-sagrestija.